Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 9**
**Tnejn 20 ta' Jannar 2020**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Romina Galea : Viċi Sindku
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Charles Selvaggi : Kunsillier (ħareġ 8:10pm)
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Emanuel Brincat : Kunsillier

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

### 9.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

09.1.01 Il-Kunsillier Emanuel Brincat bagħat email li ma seghtax jattendi fejn talab biex ikun skużat mil-laqgħa.
Il-Kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

### 9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

9.2.01 Il-Minuti ta' Seduta L8-08 ittieħdu bħala moqrija u kien hemm korrezzjoni fil-minuti 08.4.03.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

### 9.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

9.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza dwar l-iskema Achievers u spjegat lill-Kunsilliera preżenti dwar li d- data tal- għeluq ġiet estiża.

9.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza dwar arti b'tema ma' ħitan u spjegat li dawn qed jistaqsu jekk il-Kunsill hux interessat u jindika fejn dan jista' ssir. Hawn kompliet tispjega li l-aħjar ssir laqgħa ħalli jkun hemm aktar dettalji.

9.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda dettalji fuq proġett CSR Malta Association u proġett li pproponew fuq osservazzjoni ta'kif jiġi trattat ir-riċiklaġġ go Malta u approvat minn fondi Erasmus u tat spjegazzjoni fuq id-dettalji fejn dan se jkun iċċentrat l-Imsida u talbu assistenza fuq kuntatti ma' entitajiet u l-iskola kif ukoll parteċipazzjoni ta' erbgħa Zghazagh mil-lokalita'.

9.3.04 B'Referenza għal- minuti 8.5.06, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kopja ta'oġġezzjoni fuq żvilupp PA/09347/19 proposta għal- Class 4D restaurant go Triq l-Iskola k/m ma' Triq Victor Denaro.

9.3.05 B'Referenza għal-minuti 8.5.06 , is- Segretarju Eżekuttiv għarraf lill Kunsilliera preżenti li wara spezzjoni minn rappreżentant tal-kumpanija li qed tieħu ħsieb Korsijiet ta' Cyber Security għall-familja organizzati mir-Reġjun Ċentrali, il-binja tal-kunsill tista' sservi għall wieħed jew aktar minn dawn il-gruppi f'April.

9.3.06 B'Referenza għal- minuti 7.5.09 is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li s-Sur Jean Claude Borg intgħażel mill-Kerygma bħala finalista għall- Premju Żagħżugħ tas-Sena 2019.

9.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza minn Santiago Di Compostela (Alicia-Spain Regina) u tat dettalji fuq possibilità ta' parteċipazzjoni flimkien ma' organizzazzjonijiet Governattivi oħra barranin f'proġett Erasmus + ( Feb1-2020).

**9.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

9.4.01 B'referenza għall-minuti 8.4.02 is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm aktar żvilupp dwar applikazzjonijiet għal permess ta'Kjosk ġo Triq il- Wied.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma kienx hemm aktar żviluppi wara li kiteb lill-applikant.

9.4.02 B'referenza għall- minuti 8.4.04 is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar verifika tal-kontijiet tal-Kuntrattur.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Perit verifikat u ħadmet il-kontijiet kollha fejn għad hemm biss ftit kjarifika mal-kuntrattur fuq żewġt fatturi biex dawn ikunu lesti, meta dawn isiru u kollox ikun lest ssir rapport finali u se jsejjaħ laqgħa biex possibbilment jinħeles kollox qabel sa seduta oħra ħalli jibgħat kollox lid-dipartiment.

9.4.03 B'referenza għal-minuti 8.4.05 is-Sur Maurice Agius qal li wara li għaddew bosta xhur il-bankina temporanja ġo Triq Clarence ma saritx kif suppost minhabba li ma ħarġitx 'il barra daqs l-oħra <u Talab kopja ta rapporti lill BRO>.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għalkemm għadu ma kellux ċans imur jivverifika jekk kif saret joffrix aċċess iżda ma hux neċessarju li din tkun toħroġ il-barra daqs l-oħra jekk hemm aċċess kif suppost minn bankina għall-oħra.<u wiegeb dwar il-legislazjoni fuq kopji>

9.4.04 B'referenza għal-minuti 8.4.06 is-Sur Charles Selvaggi staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk kienx verifika dwar l-allowance tal-Kunsilliera meta jkun hemm assenza.
Is-Segretarju poġġa fuq il-mejda iċ-ċirkulari 14/2019 li ħarġet fis 7 ta'Lulju 2019 u għamel referenza għall 5.5 fejn huwa spjegat li jekk kunsillier ma jkunx ppreżenta ittra ta'apoloġija qabel tibda l-laqgħa li tkun aċċettata mill-kunsilliera preżenti l-allowance tiġi mnaqqsa.

9.4.05 B'referenza għal-minuti 8.4.07 is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar proposta tal-I.M. għall- traffic management ġdid fl-inħawi tal- iSkate Park.
Is-Segretarju wieġeb li sal-ġurnata ma kienx hemm tweġiba fejn wkoll jaħseb li din il-proposta setgħet ġiet mwarrba għax għada ftit żmien .

9.4.06 B'referenza għall-minuti 8.4.10 is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk bdietx l- Video on Demand Live Stream.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għalkemm is-sistema lesta izda minħabba li t-tekniku ma kienx dispost għall-raġunijiet li ma hemmx kontroll fuqhom is-software li jagħmel upload għadu ma ġiex nstallat.

9.4.07 B'referenza għall- minuti 8.4.12 is-Sur Alfred Farrugia staqsa jekk ġewx ordnati t- tabelli indikattiv Kappella tal-Kunċizzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għadhom ma ġewx ordnati.

9.4.08 B'referenza għall- minuti 7.5.24 dwar comunal disable parking ġo Misraħ il-Barrieri. Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk hux possibbli ikollu kopja bir- raġuni għala l-applikazzjoni ma ġietx aċċettata.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li jista' jurih ir-risposta biss ċertu dettalji li jista' jkun hemm jiġu mħassra minħabba GDPR.

9.4.09 B'referenza għall- minuti 8.4.16 dwar id-dawl fuq il-pedestrian crossing ta' Triq il-Baċir, is-Sur Maurice Agius staqsa jekk saritx applikazzjoni ma' T.M.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din saret.

9.4.10 B'referenza għall-minuti 8.4.20 is-Sur Alfred Farrugia staqsa jekk hemmx inklużi fil-proposti tal-estimi finanzjarji l-pompi tal-funtana ta' Rue D'Argens.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kif ġa spjega fl-istess minuti l-estimi finanzjarji 2020 se jkunu l-proposti il-quddiem f'din is-seduta li jinkludu wkoll ix-xogħol li hemm bżonn ssir għall-funtani kollha.

9.4.11 B’referenza għall-minuti 8.4.03 is-Segretarju Eżekuttiv spjega li talab lir- rappreżentant tal-kumpanija għall-Contracts manager biex jattendi għal din is-seduta biex ilaqqgħu mal-kunsilliera preżenti u jagħti ftit dettalji ta’ kif qed ssiru l-ispezzjonijiet.

Ir-Rappreżentant ta’spjega fil-ħidma ta'spezzjoni li qed ssir u wieġeb fid-dettall għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera preżenti.

9.4.12 B'referenza għal-minuti 8.5.05 is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera preżenti li ftit xhur ilu saret applikazzjoni f' iskema ta'restawr għall-Għajn tal-Ħasselin iżda minkejja li dan il-proġett kien jikwalifika xorta ma ntgħażilx minn fost proposti oħra. Hawn kompliet tispjega li s-Segretarju bagħat email u talab għall spjegazzjoni aktar fid-dettal ghalfejn l-Għajn tal-Ħasselin ma ntgħażilx

9.4.13 B'referenza għal-minuti 8.5.04 is-Sur Maurice Agius staqsa jekk l-avukat ġiex konsultat fuq it-talbiet għall- ħsarat fuq tyres ta' vetturi ġoTriq Xatt ta'Xbiex u l-aċċident ta' Triq l-Imħallef Debono.

Is-Sur Charles Selvaggi qal li ġie mgħarraf li hemm drenaġġ ħiereġ minn go restorant.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li saru xi rapporti ma’ W.S.C biex jivverifikaw u kompla jispjega li saret il-laqgħa mal-avukat li huwa tal-parir li jekk il-persuna li weġgħet tiffirma ftehim li tieħu kumpens mitlub biss. Dwar il-ħsarat ta’tyres l-avukat ma kienx konvint li dawn kienu fi stat tajjeb u talab id-dettalji kollha biex ikun jista’ jibgħat risposta. Filwaqt li matul il-ġimghat li għaddew sar ilment fuq il-ħsarat u sitwazzjoni ta'triq mal-awtoritajiet, responsabbli fejn fl-ahhar jiem sar xogħol temporanju ta'emerġenza bil-konkos. Hawn kompla jispjega li s-Sindku Margaret Baldacchino Cefai kompliet tistaqsi u tinsisti biex jibda xogħol fit-triq fir-rigward il-ħsarat fis-sistema ta'drenaġġ.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai kompliet tispjega li ġiet mgħarrfa li s-sejha pubblika għal xogħlijiet msemmija ġa saret u għaddejja mill -proċess tal-għażla.

**9.5 Items oħra ta' Xogħol, ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

9.5.01 B'referenza għal-minuti 8.5.08 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill Kunsilliera preżenti li ċ-ċirkulari 23/2019 tal-allokazzjoni finanzjarja ħarġet fi-26 ta' Diċembru fejn l-allokazzjoni totali tammonta għall 666,481euro. Wara li saru l-ahhar emendi qed ipoġġi fuq il-mejda id-dokument tal-Estimi Finanzjarji 2020 biex jiġu approvati.
Il-Kunsilliera, preżenti approvaw id-dokument

9.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ritratti ta'ħsarat minn vandaliżmu fil- latrina go Misraħ 5 ta'Ottubru

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dawn qed ikunu ripetittivi u kull meta jitlesta xogħol fuq il-ħsara din targa tiġi vandalizzata u għalhekk wara li kkonsulta mas-Sindku ta'ordni biex din tinżamm magħluqa sakemm tinstab soluzzjoni u tittieħed deċiżjoni oħra.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

9.5.03 B'referenza għall- minuti 8.4.19 is-Sur Charles Selvaggi staqsa fhiex waslu l-Avukati, bil-proposta għall-Bye law dwar xorb alkoħoliku.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kif tkellem qabel kellu laqgħa ma l-avukat fuq diversi suġġetti fosthom il-Bye law fejn l-avukat għarfu li għad trid ssir il-verżjoni bil-Malti. Fl-istess ħin għarraf lill kunsilliera preżenti li staqsa wkoll dwar possibilità li ssir ta' Bye law kif diskuss fis-seduta preċedenti biex ikun definiti ir-regolamenti u l-obbligazzjonijiet tal-kuntratturi filwaqt li f'każ ta' nuqqasijiet ikunu hemm garanziji jagħmlu tajjeb għalihom u dan għarrfu li din tista' tiġi kunsidrata. Għalhekk se jibda jaħseb biex jifforma il-proposti għaliha.

Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

9.5.04 B'referenza għall-minuti 8.4.15 Is-Sur Jean Claude Borg poġġa fuq il-mejda proposta għall disinn għall-attività / proġett fil-Pjazza, għall- Ġimgħa Mqaddsa u talab biex ssir sejħa biex jinġabru 2500 flixkun tal-plastik trasparenti fuq il-paġna F.B tal-Kunsill.

Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

9.5.05 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-parkeġġ u staqsa jekk hux possibbli li l-kunsill jara jekk jistax ikun hemm xl żvilupp fin -naħa tal-ġibjun.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li hemm huwa mmarkat mis-segretarjat responsabbli mill-isports biex ssir proġett permezz ta' P.P.P.
Is-Sur Alfred Farrugia staqsa jekk jistax jkun inkluż parkeġġ għar-residenti.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li dan jiddependi biss mill -arranġamenti li jista' jkun hemm. Jekk il-proġett jinvolvi investiment minn fondi tal-privat dan jista' jkun diffiċli barra minn hekk sal-mument ma kienx hemm korrispondenza jew konferma jew dettalji oħra fuq x'hiex tista' tiddiskuti.

9.5.06 B'referenza għal-minuti 7.5.11 is-Sur Alfred Farrugia staqsa jekk hux possibbli li l-erbgħa fanali solari ġo Misraħ San Ġużepp, jinbidlu ma' fanali oħra b' dawl normali qabel is-sajf.

Is-Segretarju wieġeb li sal-mument qed naraw proposti għall disinn addattat għal-Pjazza.

9.5.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda stima ta' 230 euro biex ssiru żewġt bnadar (2.8 X 1.7 metri) tal-Imsida ġodda biex jibdlu dawk antiki jew imqatta.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

9.5.08 B'referenza għall-minuti 8.5.03 is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda stima ta' 720 euro VAT inkluż għat - tħawwil ta' siġar u pjanti li waslu minn għand MESDC.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

9.5.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda proposta minn għaqda 10 Trees biex jitħawlu pjanti indiġeni minflok siġar u pjanti ta'natura invażiva go Msida Circus.

Is-Sur Alfred Farrugia qal li se jitkellem mal-għaqda u l-ġardinar biex jara x'jista' jkun l-aħjar li ssir.

9.5.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda stima ta' 795 euro għall-attività ta'żfin tal-karnival mit-tfal bħal snin preċedenti.
Saret diskussjoni fuq is-snin ta'qabel u ġiet nnotata li l-attendenza li ma jiġġustifikax l-isforz u l-ispiża. Il-kunsilliera preżenti qablu li għall din is-sena din it-tip ta'attività ma ssirx sakemm jiġu proposti attivitajiet differenti għall karnival li jiġbdu aktar nies.

9.5.11 B’referenza għal-minuti 5.4.10 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk ġietx mibgħuta xi korrispondenza lill Guest house fuq ħruġ ta'skart barra il-ħinijiet normali.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn intalbu biex ineħħu dan il-bin u se jieħu ħsieb biex imexxi b'mod aktar uffiċjali.
Is-Sur Maurice Agius qal li hemm wkoll xi restoranti jew take away li qed joħorġu bin u jagħlqu bankina.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għandu bżonn aktar dettalji ta' dawn u jagħmel l-stess.

9.5.12 B’referenza għal- minuti 89.4.06 ta'leġislatura preċedenti Is-Sur Charles Selvaggi staqsa tkellem fuq il bankina ta'Princess Margaret u staqsa jekk hux possibbli li l-kunsill jieħu ħsieb jirranġa x-xaqliba li hemm għax ma hiex tajba biex jgħaddu n-nies minn fuqha.<imbghad jibghat il-kont lill izvilupatur>

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li dan marbut ma PA/00876/17 u l-kumpanija responsabbli għada ma għamlitx it-tibdil suġġerit mill-Periti tal-Kunsill għall No objection. Se jitkellem mal-perit biex ssir pressjoni għax għadu ma sarx ix-xoghol mill-kumpanija responsabbli.

9.5.13 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk hux possibbli li l-kunsill ikellem lill operaturi ta' servizzi bit- tuk tuk għall trasport għan-nies biex jinqdew mill klinika tal-Pietà jew għall possibilità li l-kunsill ikellem biex ċertu servizzi offruti fil-klinika ssiru fil-berġa tal-Msida.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li ta'min jikkunsidra is-servizzi fil-berġa.

9.5.14 Is-Sinjura Judy Sciberras preżenti għarrfet lill kunsilliera preżenti li Fis-27 ta'Frar se tagħmel conversation classes għall persuni li qed jattendu klassi tal-ħjata organizzata mill-LEAP.

9.5.15 Is-Sinjura Judy Sciberras staqsiet jekk hux possibbli ssiru bollards f'Sqaq Johnny Catania għax qed jipparkjaw fuq il-yellow lines.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota biex jara jekk hux possibbli.

9.5.16 Is-Sur Nicholas Joseph Chircop tkellem dwar u staqsa biex ssiru attivitajiet għall klassijiet ta-Zumba li jiġu jiswew 22 euro kull sessjoni.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li kif tkun konfermata l-stima dawn jistgħu ssiru.

9.5.17 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba mill organizzaturi ta'Red Bull dance your style biex dan l-event internazzjonali ssir ġewwa Misraħ San Guzepp Nhar is-Sibt 4 ta'Lulju 2020 u spjegat id-dettalji tal-event
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew kemm ikun għad fadal żmien għall programmi tal-Festa lokali u li dan l-event jista' jidħol fil-programm ta' Sajf fil pjazza u qablu unanimament li dan ssir.

**9.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

9.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda koppji tal- 4th Qtr : Financial indicators, u l- Un audited financial report għas- sena 2019.
L-Accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante għamlet spjegazzjoni tar-rapport fejn qalet li l-Kunsill Lokali għalaq is-sena finanzjarja b'bilanċ pożittiv u qagħda finanzjarja tajba u wieġbet fid-dettall għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera preżenti.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

9.6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il- mejda rakkomandazzjoni għall- Performance Bonus tal-impjegati amministrattivi għas-sena 2019 biex ikunu kunsidrati u approvati.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pproponiet u is-Sur Maurice Agius ssekonda r-rakkomandazzjoni. Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw il-Performance Bonus tal-erba' impjegati amministrattivi sa massimu ta' 6%

9.6.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il- mejda rakkomandazzjoni u pproponiet 10% għall- Performance Bonus ta'Segretarju Eżekuttiv.
Is-Sur Maurice Agius s-sekonda. Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw il-Performance Bonus massimu ta'10%.

**9.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

9.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda, l-iskeda K8-09 ta' ħlasijiet bejn ls-17 ta'Diċembru 2019 sal-15 ta'Jannar 2020 għall-approvazzjoni tal-Membri.
L-iskeda ġiet proposta, mis-Sur Jean Claude Borg u s-sekondat mis-Sur Nicholas Joseph Chircop.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw unanimament

**9.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

9.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun il-Ħamis 27 ta' Frar 2020 fil-5:30 p.m

Minuti konfermati, illum 27 ta'Frar 2020

IFFIRMATA IFFIRMATA

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Alan Vella
Segretarju Eżekuttiv